# L-ANTIKA FENICJA U R-RABBI TAL-GALIL

F'dik l-art li fl-antik kienet tissejjaħ Feniċja, l-aktar fin-nħawi ta' qrib il-baħar, ix-xitwa ma hix kiesħa wisq, u tinħamel bla tbatija. L-arja ta' hemm ħelwa u serrieħa, li għal kemm ix-xitwa, wisq drabi jagħmlu nhâr ta' xemx tiddi u difa. In-nwâr, fil-widjien u fil-bwâr u l-imrâġ ta' bejn ir-raba', qatt ma jaqta'. Dawl, u lwien imżewqa, u rwejjaħ ifûħu, iferrħu qalb il-bniedem. Ir-ranġîs, bil-lwien tiegħu, l-abjad u isfar, bħal bandiera tal-Pâpa, jikber mal-ġnub tat-trejqiet minn qabel il-Milied salaħħar tar-rebbiegħa.

Is-siġar tal-lewż u tal-berquq, bikrija u mgħaġġla, bħat-tfâl, jinksew bin-nwâr abjad u roża, qabel il-weraq, għall-aħħar ta' Jannar. Iċ-ċiklami kiebja, bil-għamliet tagħhom għariba, jagħmlu dehrithom fix-xahar ta' Frar, fi djul il-għoljiet u l-isinda tal-għeqiebi. Imbagħad tasal ir-rebbiegħa, miksija b'dak il-liżar tagħha aħdar lelliexi, u jidhru wkoll is-sagħtar u ż-żuf u għadd kbir ta' xtieli u nwâr li jżejnu u jsebbħu bi lwienhom iż-żrieżaq tas-sinsla tal-iġbla ta' Libnân, li qċaċethom ikunu għadhom miksija bis-silġ, fiddi u lemmiegħi.

Din il-bjuda tal-iġbla ta' Libnân, fil-ljieli sierda imdawwla bil-qamar, ma setgħetx tonqos li ma tixgħelx il-ħjiel fl-imħûħ tal-baħħâra tal-qedem, meta kienu jgħaddu qrib, jaħartu bi mrekibhom il-kħûla tal-baħar, ġejjin mill-wetjât ramlija ta' art il-Masar, u sejrin lejn l-art ġeblija ta' Biblos u Kipros. Għal hekk qalgħu l-ħrâfa, li minn bejn il-gajdri ta' qiegħ il-baħar u l-qawsalli tar-raxx tal-ilma fi xtutu, twieldet Għext-Art, jew Venus, dik l-alla mara, xbieha tat-tagħmir u tal-imħabba.

Kif jidher mill-baħar, meta l-kotra tal-ilma tiegħu donnha tiżfen u titbaħrat bil-ferħ, x'ħin bil-lejl jaqgħu fuqha r-rxûx bojod tal-qamar, Libnân, fix-xitwa ikun bħal sinsla għolja u għoġbija, tal-fidda! Għoljiet tal-fidda, imqiegħda fuq tapit bla tarf, aħdar-sewdieni fejn hemm il-larinġ, u aħdar-safrani fejn hemm is-siġar tal-banâna!

Din hija l-art antika tal-Feniċi, baħħâra qalbenija, bejjiegħa u xerrejja bla serħ, għorrief u mħeġġa; dawk li ħatru l-ħżuż tal-qari, jew ittri tal-alfabet, li għadhom għandna s'issa. Imma qejjiema msejkna, ta' Għext-Art u Molok!

Art sabiħa kienet, u għadha, l-Feniċja, b'dik l-arja tagħha tfuħ minnha nfisha, imgħawwma fil-ġid u l-hena, bla għeja fil-biegħ u x-xiri, bin-nisa tagħha ħfiief u wiċċhom dħuli, liebsin il-ħarîr u l-porpra. U kemm-kemm tista' temmen li fl-imgħoddi kellha taħtar djiena dgħajfa, kerha, kiefra u faħxija. Djiena li fiha, il-għaxqa żejda, sewwa fil-laqgħat tal-ħafna, kemm tal-ftit, dejjem iġġib magħha swied il-qalb u l-indiema.

Hekk, fil-bidu tar-rebbiegħa kienu jsiru f'Biblos il-għejjieda f'ġiħ Għext-Art u Molok, bi żfin faħxi li fl-aħħar jintemm f'ġenn u reħja bla rażan. Biex minn għalihom jagħarfu l-ġrajjiet ġejjiena, kienu joqtlu f'ġiħ Bagħal trabi żgħar u bla ħtija, maħtufa minn sdûr ommijiethom. Drawwiet koroh u kiefra, marda li jaqgħu fija dejjem dawk li jagħtu ruħhom għal għaxqiet ġismija.

Kienu għaddew mijiet ta' snîn

minn meta l-ħakma u l-ġmiel ta' Sur u Sajda għebu għal kollox; meta t-tajfiet Rumija bnew ħnejjiet qawwija, sewwqu qnajja tal-ilma, balltu bil-ħaġar toroq. Kien żmien il-għaġeb ta' kobor Ruma.

F'dak iż-żmien, mill-wetjât sħân u msoqqija, sal-għarż, jew *ċedri*, kbar u siekta fuq l-iġbla, in-nies kienet titħaddet fuq id-dehra ta' wieħed Profeta, fl-art tal-Galilija; li kellu qalbu mimlija bl-imħabba lejn il-fqâr,, kollu ħlewwa mat-tfâl ċkejknin, għaqli u mweġġaħ man-nisa. Kienu b'għadd kbîr in-nies li telqu minn Sur u Sajda, u marru lejn il-Galilija ħalli jarawħ b'għajnejhom. Dawn, meta ġew lura, qalu fit-tul kull ma kienu raw u semgħu, l-aktar fuq il-fejqan għaġġiebi ta' nies morda, f'moħħom jew f'ġisimhom.

Għal hekk ġara li meta dal-Profeta, Ġesù, għadda mis-Surija, u daħal fil-Feniċja, waħda mara għarfitu, u marret timxi warajħ u tgħajjat: "Irħamni, ja Bin Dahûd! Irħamni!" Kif dil-mara Libnanija għarfet li Ġesù kien Bin Dahûd? Tgħid kienet marret hija wkoll il-Galilija u semgħethom jgħajtulu hekk? Kien kif kien, dil-mara Feniċja, mera tal-keba u s-sabar, kellha x-xorti kbira li tisma' minn fomm l-Imgħallem dawk il-kelmiet mixtieqa: "Ja mara, kbir hu twemminek! Mur! Seħħlek dak li tlabt minn għandi!"

U hekk Ġesù għadda dik in-naħa l-qiblija ta' fejn il-lum hemm ir-Republika Libnanija. Ħass, f'ruħu mimlija bil-ħniena, li hemm kien hemm qalb muġugħa imma mimlija bit-tama, tixtiequ u tistennieħ, ħalli jagħtiha l-ħniena għal naqra ta' tifla marida, li ma kellhiex ħliefha. U l-imħabba ta' Ġesù lejn il-maħqûra, u t-tama tal-imsejkna mara fir-Rabbi Lhudi mibgħut minn Alla, inġibdu lejn xulxin u ltaqgħu. U lilna nkitbitilna fl-Evanġelju ġrajja oħra sabiħa.

A. Valentin.

# Id-Djiena tal-"Ortodossi"

It tagħlim reliġjuż tal-Griegi jitbiegħed mit-tagħlim tal-Kattolki fuq xi ħwejjeġ tad-Dommatka. L-aktar li jibiegħdu mill-Kattolki hu fuq x'inhi l-Knisja. Huma jżommu li l-Knisja Nisranija ma hix waħda; kull ġens ta' nies jista' jaħlaq għaqda ta' Nsara għalih waħdu, imma l-Insara kollha għandhom ikunu taħt rajjes wieħed li ma jidhirx, li huwa Ġesù Kristu. Għalhekk il-Griegi ma jemmnux li ras il-knisja huwa l-Papa u wisq anqas jemmnu li l-Papa ma jistax jegħlet, jiġifieri jiżbalja. Jiċħdu wkoll li Ruħ il-Qodos nieżla mill-Missier u mill-Iben. Jiċħdu li hemm Matħar jew Purgatorju u li l-Madonna twieldet mingħajr tebgħa. Imma ħaġa tqila wisq li wieħed jgħid kollox sewwa f'iex il-Griegi ma jaqblux mal-Latini. In-nuqqas ta' tagħlim tagħhom u l-imxija tal-Protestanti fuqhom, biddlulhom wisq mit-twemmin Nisrani ewlieni.

Il-Qoptin u l-Armeni jemmnu li fi Kristu tinsab natura waħda, (jiġifieri huma monofisiti) li qegħda bejn l-Umanita u d Divinita. Huma maqsumin f'ħafna qasmiet, li kellhom bidu min kif ir-rjus tagħhom ifissru din in-natura. Hi kif inhi, huma ma jaqblux mal Konċilju ta' Kalċedonja li sar fis-sena 451, li qata li l-Iben t'Alla, it-tieni Persuna tat-Trinita huwa Persuna waħda imma għandu żewġ naturi.

Mudir Naġella